MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 01 ta' Ottubru 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Ruth Camilleri**
**(K.I: 479585M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Ruth Camilleri li ġiet akkużata talli nhar id- 29 ta' Settembru, 2023, gewwa l- Belt Valletta:

1. Attakat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 2414 Michela Bonnici, persuna inkarigata skont il- ligi minn servizz pubbliku, fil- waqt li kienet tagixxi ghal esekuzzjoni tal- ligi jew ta' ordni moghtija skont il- ligi mill- awtorita kompetenti **u dan bi ksur tal-Artikoli 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. **Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi** Ingurjat, jew heddedt, jew ghamlet offiza fuq il-persuna PS 2414 Michela Bonnici, PS 728 Brendan Borg, PC 38 Shania Falzon, u PC 1048 Darren Dermanin, persuni inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qieghdin jgħamlu jew minħabba li kienu qed jghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li

tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz **u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

3. **Kif ukoll talli fl- istess data, lok, hin, u cirkostanzi**, ikkagunat griehi ta' natura hafifa fuq l- persuna ta' PS 2414 Michela Bonnici hekk kif gie certifikat minn Dr. Dale Brincat reg no 4245 minn gewwa l- poliklinika tal- Floriana**, u dan bi ksur tal-Artikolu 221 (1) u 222 (1) (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

4. **Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi,** volontarjament hassret, ghamlet hsara, jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-hsara huwa izjed minn mitejn u ħamsin euro (250), izda ma huwiex izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500), ghad-detrimemt tal- Gvern ta' Malta u/jew persuni jew entitajiet ohra **u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

5. **Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi** ma obdietx l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku **u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

6. **Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi** hebbet kontra PS2414 Michela Bonnici sabiex tingurjaha, idejjaqha jew taghmillha hsara **u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

7. **Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi;** volontarjament kisret il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku **u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

8. **Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi** qalet kliem li jikkonsisti f'dagha **u dan bi ksur tal-Artikoli 338 (bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

9. **Kif ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi** f' lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kienet tinsab fis-sakra b'mod li ma kienitx tista' tieħu ħsieb taghha innifisha **u dan bi ksur tal-Artikoli 338 (ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputata ammettiet għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatha żmien tikkonsidra l-pożizzjoni tagħha u spjegatilha l-piena relattiva;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Semghet lid-difiza tissottometti illi l-agir tal-imputata kien dovut ghall-fatt li l-xorbot wara li hadet xi medicina ghal kundizzjoni li hija afflitta minnha u li ghaldaqstant piena mhux karcerarja u multa tkun idonea fic-cirkostanzi;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrileva illi hija ma kellhiex oggezzjoni li, jekk din il-Qorti tqis tali piena idonea, l-imputata tigi kundanna ghal sentenza sospiza u hlas ta' multa;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata ammettiet għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti, tqis li dawn l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena, filwaqt li l-Qorti tqis l-agir tal-imputata bhala wiehed irresponsabbli li wassal biex ufficjal tal-Pulizija ssofri griehi hfief, hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qiegħda tinstab ħatja l-imputata, il-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputata ammettiet il-ħtija tagħha u li hija lesta li thallas id-danni kagunati minnha f'dan l-incident fil-vettura tal-Korp tal-Pulizija. Filwaqt li l-Qorti tirribadixxi li l-gudizzju huwa dejjem f'idejn il-Qorti u mhux f'idejn il-Prosekuzzjoni jew f'idejn id-difiza, tqis li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-imputata ghandha tigi trattata b'piena mhux karcerarja kif ukoll hlas tal-multa prevista mil-ligi.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 95, 96, 221 (1), 222 (1) (c), 325 (1) (b), 338 (m), 338 (bb), 338 (ff), 338 (ee) u 339 (1) (d) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, issib lill-imputata **Ruth Camilleri** ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha u tikkundannaha għal piena ta' sena (1) priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tiġi sospiża għal żmien tliet (3) snin mil-lum. In oltre, l-Qorti qieghda tikkundanna lill-imputata Ruth Camilleri ghall-hlas ta' multa ta' erbat elef ewro (€4000). Ai termini tal-artikolu 14 (2) tal-Kodici Kriminali, il-hatja qieghda tigi awtorizzata thallas il-multa ta' erbat elef ewro (€4000) f'rati mensili ta' tliet mitt

ewro (€300) bl-ewwel pagament ikun mhux iktar tard mill-1 ta' Novembru 2023 u tibqa' hekk thallas l-istess pagament sakemm thallas b'kollox l-ammont ta' erbat elef ewro (€4000). F'kaz li l-hatja tonqos milli taghmel xi pagament ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih, u f'kaz li ma jithallasx, il-bilanc ghandu jigi konvertit f'gurnata prigunerija għal kull ħamsa u tletin euro (€35) jew parti minnhom.

Ai termini tal-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tordna lill-hatja thallas lill-Kummissarju tal-Pulizija s-somma ta' erba' mitt ewro (€400) rapprezentanti danni sofferti minnu f'dan l-incident.

Il-Qorti spjegat fi kliem ċar lill-ħatja dwar il-konsegwenzi jekk hija tikkommetti reat ieħor fi żmien tliet (3) snin mil-lum.

Fl-ahharnett il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-hatja ghall-hlas ta' spejjez ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali stante li ma jirrizultax li kien hemm xi hatra ta' esperti jew periti.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**